MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tas-27 ta' Settembru, 2023

Appell Inferjuri Numru 773/2022 LM

**Gusman Roman (KI numru: 53779M) għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjeta' Gusvend Services Limited (C 43888)**
*('is-soċjetà appellata')*

***vs.***

**350 Grams Limited (C 99226)**
*('is-soċjetà appellanta')*

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjetà appellanta **350 Grams Limited (C99226)** [minn issa 'is-soċjetà appellanta'] ippreżentat fit-22 ta' Diċembru, 2022, fejn għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rikors, talbet lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Bord li Jirregola l-Kera [hawnhekk 'il-Bord'] tal-14 ta' Diċembru, 2022 bin-numru 773/2022JD fl-ismijiet Gusman Roman (KI numru: 53779M) għan-nom u in rappreżentanza tas-Soċjetà Gusvend Services Limited

(C 43888) vs. 350 Grams Limited (C 99226) [hawnhekk 'is-sentenza appellata'], u tibgħat l-atti lura quddiem l-istess Bord li Jirregola l-Kera sabiex il-kawża tiġi trattata skont il-liġi.

Rat ir-risposta tal-appell tas-soċjetà appellata **Gusvend Services Limited (C 43888)** [minn issa 'is-soċjetà appellata'] ippreżentata fit-13 ta' Jannar, 2023, fejn iddikjarat illi hija m'għandhiex għalfejn topponi t-talba tas-soċjetà appellanta sabiex l-atti jiġu rimessi quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera u li s-soċjetà appellanta tingħata d-dritt li tittanta tiġġustifika li għandha eċċezzjonijiet validi x'tagħti wara li ssir n-notifika mill-ġdid.

__Decide__

**Fin-nuqqas ta' oppożizzjoni tas-soċjetà appellata, tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà appellanta billi tilqgħu u tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u tibgħat l-atti lura quddiem l-Onorabbli Bord li Jirregola l-Kera sabiex il-kawża tiġi trattata skont il-liġi.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu tas-soċjetà appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**